

31996L0075

L 304/12

IL-ĠURNAL UFFIċJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.11.1996

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/75/KE**tad-19 ta' Novembru 1996****dwar is-sistemi ta' kiri u prezzar fit-trasport nazzjonali u internazzjonali bil-passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxi skond il-proċedura preskriitta fl-Artikolu 189c tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi l-problemi dejjem jiżdiedu tas-saturazzjoni fit-toroq u fuq il-linji tal-ferrovija, tas-sigurtà tat-trasport, ta' l-ambjent, ta' l-ifrankar ta' enerġija u ta' kwalità ta' ħajja taċ-ċittadin jitkolbu, fl-interess pubbliku, għal iktar żvilupp u użu aħjar tal-potenzjal tat-trasport offrut minn passaġġi fuq l-ilma interni, b'mod partikolari billi tħalli il-kompetitività tagħhom;

Billi d-differenza fil-ligġijiet nazzjonali dwar is-sistemi għall-operazzjoni kummerċjali tat-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, ma twassalx għall-funzjonament bla diffikulta f'dan is-settur; billi, għalhekk, dispożizzjonijiet komuni għandhom ikunu introddoti fil-livell tal-Komunità għas-suq kollu tal-passaġġi fuq l-ilma interni, skond ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1994 dwar it-titjib strutturali tat-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni ⁽⁴⁾;

Billi l-funzjonament bla diffikultà tas-suq intern jitlob aġġustament fit-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni lejn l-organizzazzjoni ta' kiri b'rotazzjoni, biex wieħed jersaq lejn flessibilità kummerċjali akbar u sistema ta' ħelsien ta' kiri u prez;

Billi, għal dan il-għan għandha ssir dispożizzjoni għal perjodu transitorju, filwaqt li l-ambitu tas-sistema ta' rotazzjoni tkun gradwalment limitata għal trasportaturi biex jadattaw ruħhom

għall-kondizzjonijiet ta' suq ħieles u, fejn jixraq, għall-istabbilità ta' agruppamenti kummerċjali iktar konvenjenti għall-ħtiġi logiściċi ta' shippers;

Billi, skond il-prinċipju tas-sussidjarjet, huwa kemm meħtieġ u kif ukoll adegwat li tkun stabbilita skeda uniformi ta' żmien fil-livell tal-Komunità għal-liberalizzazzjoni gradwal tas-suq, fil-waqt li titħalla lill-Istati Membri r-responsabbiltà li jipplimentaw din il-liberalizzazzjoni;

Billi għandhom ikunu adottati dispożizzjonijiet li jippermettu li tħtieħed azzjoni fis-suq tat-trasport fil-kwistjoni fil-każ ta' tfixx-kil serju; billi, għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li tieħu miżuri xierqa, skond il-proċedura tal-kumitat konsultativ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) "sistema ta' kiri b'rotazzjoni" għandha tfisser sistema li tikkonsisti fli jkunu allokatni talbiet fi skambju ta' kiri għal operazzjonijiet ta' trasport, bi prezzijiet fissi minn qabel u taħt kondizzjonijiet magħrufa, minn klijenti fuq il-bażi ta' l-ordni li fih bastimenti jkunu disponibbli wara l-ħatt. rasportaturi jintalbu, fl-ordni tar-reġistrazzjoni tagħħom fruta, jagħżlu kulħadd wara min imissu tagħbi minn dawk offruti. Dawk li ma jagħmlu ebda għażla jżommu madan-kollu l-pożizzjoni tagħħom fl-ordni;
- (b) "trasportatur" għandu jfisser sid jew operatur ta' wieħed jew iktar bastimenti għall-passaġġi fuq l-ilma interni;
- (c) "awtorità kompetenti" għandha tfisser l-awtorità maħtura mill-Istat Membri biex tamministra u torganizza s-sistema ta' kiri b'rotazzjoni;
- (d) "tfixx-kil serju tas-suq" għandha tfisser l-itfaċċar, fis-suq tat-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, ta' problemi speċifiċi għal dak is-suq li aktarx jikkawżaw forniment jejjed serju u potenzjalment persistenti iktar mid-domanda, li bih tinqala' theddida serja għall-istabbilità finanzjarja u s-soprainvenza ta' numru kbir ta' trasportaturi permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, ħliet jekk it-tbassir fil-qosor jew medju tas-suq fil-kwestjoni juri titjib sostanzjali u dejjiemi.

⁽¹⁾ ĠU C 318, tad-29.11.1995, p. 8.

⁽²⁾ ĠU C 39, tad-12.2.1996, p. 96.

⁽³⁾ L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 1996 (ĠU C 65, ta' l-4.3.1996, p. 32) pożizzjoni komuni tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1996 (ĠU C 264, tal-11.9.1996) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 1996 (ĠU C 320, tat-28.6.1996).

⁽⁴⁾ ĠU C 309, tal-5.11.1994, p. 5.

L-Artikolu 2

Fl-oqsma tat-trasport nazzjonali u internazzjonali permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità, għandhom ikunu konklużi kontratti b'mod liberu bejn il-partijiet ikkonċernati u prezziżżejjet għandhom ikunu nnegozjati b'mod liberu.

L-Artikolu 3

Minkejja l-Artikolu 2, l-Istati Membri jistgħu, għal perjodu transitorju sa l-1 ta' Jannar 2000, iżommu sistema ta' tariffe minimi obbligatorji u sistemi ta' kiri b'rotazzjoni, sakemm:

- hemm konformità mal-kondizzjonijiet espressi fl-Artikoli 4, 5 u 6; u
- is-sistemi ta' rotazzjoni u prezziżżejjet imposti huma liberalement aċċessibbli taħt l-istess kondizzjonijiet għat-trasportaturi kollha ta' Stati Membri.

L-Artikolu 4

Matul il-perjodu transitorju li jirreferi għaliex l-Artikolu 3, dawn li ġejjin m'għandhomx ikunu suġġetti għal sistemi ta' kiri b'rotazzjoni bħal dawn:

- (a) żejt u gass, tagħbija likwida u ġarr ta' tagħbija solida, tagħbijiet speċjali bħal tagħbijiet tqal u indiċiżibbi (li ma jistgħux jinqasmu), trasport ta' kontenituri, trasport ġewwa larji ta' portijiet, kull xorta ta' trasport għal rasu u kull tip ta' operazzjoni ta' trasport digħi barra s-sistema ta' kiri b'rotazzjoni;
- (b) tagħbijiet li ma jistgħux ikunu ttrattati b'mod effettiv minn sistemi bħal dawn, b'mod partikolari:
 - trasport li jirrikjedi tagħmir għat-taqandil ta' oġġetti,
 - trasport ikkombinat, jiġifieri trasport intermodali fejn ir-rotot huma principalement b' passaġġi fuq l-ilma interni u l-partijiet (qosra kemm jista' jkun) inizjali u/ jew terminali huma bi triq jew il-ferrovija.

L-Artikolu 5

Matul il-perjodu transitorju li jirreferi għaliex l-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikabbru kemm jistgħu l-fleksibilità tas-sistemi ta' kiri b'rotazzjoni, b'mod partikolari:

- billi jipprovd li lix-shippers l-opportunità li jikkonkludu appalti għal vjaġġi multipli, jiġifieri serje ta' vjaġġi succesiċi bl-użu ta' l-istess bastiment,
- billi jipprovd li vjaġġi singli jew multipli offruti darbtejn b'mod konsekutiv taħbi is-sistema ta' kiri b'rotazzjoni mingħajr ma jinkrew għandhom jinħarġu minn dik is-sistema u jkunu nnegozjati b'mod liberu.

L-Artikolu 6

Fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħi ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri mdaħħlin fsistemi ta' kiri b'rotazzjoni għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħtu l-possibbiltà lil shippers li jkollhom għażla libera bejn tliet tipi ta' kuntratti:

- kuntratti fuq bażi ta' żmien, inklużi kuntratti ta' kera, fejn it-trasportatur jagħmel disponibbli b'mod eskluissiv bastiment jew iktar u ewkipaġġ lil klijent għal perjodu spċificu għat-trasport ta' oġġetti għal dak il-klijent bi ħlas ta' somma ta' flus determinata għal kull jum. l-kuntratt ikun konkluż bejn il-partijiet b'mod liberu,
- kuntratti ta' tunnellaġġ fejn it-trasportatur jippenja ruħu li jittraspota, għal perjodu preskrīt fil-kuntratt, tunnellaġġ determinat bi ħlas ta' rati ta' tagħbija bit-tunnellata metrika. l-kuntratt ikun konkluż b'mod liberu bejn il-partijiet u għandu jinvolvi konsenji kbar,
- kuntratti għal vjaġġi singli jew multipli.

L-Artikolu 7

1. Fil-każ ta' tħixkil serju fis-suq tat-trasport permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, il-Kummissjoni tista', mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1101/89 tas-27 ta' April 1989 dwar titħbi strutturali fit-trasport bil-passaġġi fuq l-ilma interni (¹), wara t-talba ta' Stat Membru, tieku miżuri adattati, u b'mod partikolari miżuri maħsuba biex jimpedixxu kull żieda għidha fil-kapaċità tat-trasport li jista' jkun offrut fis-suq fil-kwistjoni. Din id-deċiżjoni għandha tittieħed skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 8(2).

2. Fil-każ ta' talba minn Stat Membru għal miżuri adattati, deċiżjoni għandha tittieħed fi żmien perjodu ta' tliet xħur minn meta tkun irċevuta t-talba.

3. It-talba minn Stat Membru għal miżuri adattati li jittieħdu għandha tkun akkompanjata bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex tkun stmati s-sitwazzjoni ekonomika fis-settur fil-kwistjoni, b'mod partikolari:

- indikazzjoni ta' l-ispejjeż u l-prezziżżejjet medji għat-tipi differenti ta' trasport,
- ir-rata ta' utilizzazzjoni ta' l-istiva,
- tbassir tad-domanda.

Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għal għanijiet statistiċi. Ma tistax tintuża għal għanijiet ta' taxxa jew ikkomunikata lill-partijiet terzi.

⁽¹⁾ ĠU L 116, tat-28.4.1989, p. 25. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2254/96 (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

4. Deċiżjonijiet meħuda skond dan l-Artikolu, li ma jistgħux jeċċedu d-dewmien tat-tfixkil fis-suq, għandhom ikunu nnotifikati mill-ewwel lill-Istati Membri.

L-Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meghħjuna mill-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 91/672/KEE ⁽¹⁾

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħi dwar l-abbozz, fejn meħtieġ b'vot, flimitu ta' żmien li l-President jista' jippreskri skond l-urġenza tal-materja.

L-opinjoni għandha tkun imniżżla fil-minuti; barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt li jitlob li l-pożizzjoni tiegħi titniżżeł fil-minuti.

Il-Kummissjoni għandha tqis kemm jista' jkun l-opinjoni mogħtija mill-Kumitat. Hija għandha tgħarraf lill-Kumitat bil-manjiera li biha tkun qieset l-opinjoni tiegħi.

L-Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ruħhom ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Jannar 1997. Huma għandhom mill-ewwel jinformataw b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fi żmien il-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal riferenza bħal din għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mill-ewwel lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 10

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropéj.

L-Artikolu 11

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulu fi Brussel, fid-19 ta' Novembru 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

H. COVENEY

⁽¹⁾ ĠU L 373, tal-31.12.1991, p. 29. Id-Direttiva emendata bl-Att ta' Adeżjoni 1994.